# Il-Ħadd 08.04.2018

1. Illum 08/04, **it-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**:
   - Mill-10:00am 'il quddiem, il-Kunsill Lokali bil-kollaborazzjoni mal-*barmen* tal-Każini tal-lokal qed jorganizzaw *The Ħal Safi Car Show* b'risq *Puttinu Cares*, f'Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq u Triq l-Iskola. Kulħadd mistieden.
   - Fil-5:00pm – Adorazzjoni, u fis-6:00pm - Quddiesa.

2. Mit-Tnejn 09/04 jibda it-Tberik fil-Familji. Segwu il-programm fuq il-fuljett 'Flimkien':
   - It-Tnejn 09/04: PM – Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet)
     Triq Dun Karm Lia
   - It-Tlieta 10/04: AM – Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm)
     PM – Triq in-Nassaba
   - L-Erbgħa 11/04: PM – Triq il-Kuċċard, Triq it-Tellerit, Triq is-Summien
   - Il-Ħamis 12/04: AM – Triq l-Iskola
   - Il-Ġimgħa 13/04: PM – Sqaq San Mikiel, Misraħ u Triq San Ġużepp,
     Triq il-Puniċi, Triq San Pawl (minn Triq San Ġużepp saċ-Ċimiterju).

   ***IMPORTANTI***
   - Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat, jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
   - Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fix-xiri u l-installazzjoni ta' sistema ġdida tas-sound tal-knisja u fil-manutensjoni minn ġewwa tad-dar parrokkjali, fir-restawr ta' diversi affarijiet fosthom il-gandlieri ta' kuljum u d-drapp li bih jiżżejjen l-Altar Maġġur fil-festi prinċipali, u fil-manutenzjoni ġenerali tal-knisja.

3. Il-Ġimgħa 13/04:
   - Fis-7:00pm - Kompetizzjoni tal-Inbid u *Wine and Pizza* flimkien ma' Serata Mużikali b'daqq ta' mużika folkloristika mill-grupp Għawdxi *Ta' Verna Folk Band*, fis-Sala tal-Kunsill Lokali. Kulħadd mistieden.

4. Is-Sibt 14/04:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm, Serata tal-Għoti tal-Premju Onorifiċenza Ħal Safi, b'mużika u qari ta' poeżiji, fis-sala tal-Iskola. Kulħadd mistieden.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, l-Ħamrun.

5. Il-Ħadd 15/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid – Jum il-Karità**:
   - Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI.**
   - Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (420 sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Fl-10:00am, Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u r-raħal tagħna u animata mill-Kor *'Sine Macula'*. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill fejn ser issir l-inawgurazzjoni tas-Sala Pietru Pawl Busuttil fil-binja tal-Kunsill Lokali stess, u wara riċeviment.

6. Il-Ħamis 19/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

7. Avviżi oħra:
   - Il-Kap tal-Iskola Primarja ta' Ħal Safi tavża lil dawk il-ġenituri li għandhom it-tfal li twieldu fis-sena 2015, u bejn Jannar u April tal-2016, u li għadhom ma kitbuhomx għall-Kindergarten biex jagħmlu dan mill-aktar fis mit-Tnejn 9/04 'il quddiem. Il-Ġenituri mitluba jieħdu magħhom l-I.D. Card u kopja tal-aħħar kont tad-dawl u l-ilma bħala prova tar-residenza.

8. Nitolbu għal Maria Caruana li għaddiet għal ħajja ta' dejjem. Agħtiha o Mulej ...